MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 314/2001/1

**Citaz Nru: 314/01 JA.**

**Martin u Simone Gauci.**

**-vs-**

**Town Investments Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Frar, 2001 li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-attur fuq inkarigu tad-ditta konvenuta, wettaq diversi xogholijiet fuq Block 70 mill-kumpless ta' bini maghruf bhala Busietta Gardens, gewwa Madliena, u xoghol iehor relatat, liema xoghol gie accettat bhala tajjeb mis-socjeta' konvenuta;

Illi ghall-dan ix-xoghol l-attur ghandu jiehu s-somma ta' Lm3,416, liema soma giet rikonoxxuta li hija dovuta lill-attur mill-Project Consultant tal-istess socjeta' konvenuta;

Illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta qatt ma' cahdet li ghandha taghti dawn il-flus lill-attur, qatt ma' waslet biex thallsu, avvolja giet mitluba kemm-il darba biex taghmel dan;

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. thallas lill-atturi s-somma ta' Lm3,416 (tlett elef, erba' mija u sittax il-Lira Maltija), bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma mid-19 ta' Marzu, 2000, sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa minn Martin Gauci fit-23 ta' Frar, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat n-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Busietta Gardens Madliena Limited, ipprezentata fit-28 ta' Settembru, 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta giet amalamata fis-socjeta' Town Investments Limited.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ebda ammont m' huwa dovut lill-atturi stante pagament.

3. Illi kwalsiasi spejjez legali ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi state li l-esponenti dejjem kienu pronti fil-hlas.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-atturi presentata fil-11 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha gie cedut il-mertu izda inzamm ferm it-talba ghall-imghaxijiet u l-ispejjez tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 t' Ottubru, 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia nghad il-vertenza illum hija dwar jekk il-konvenut ghandhux jigi kkundannat ihallas l-imghaxijiet fuq is-sorte u l-ispejjez tal-kawza.

Il-fatti li graw wara li giet istitwita il-kawza mhux kontestati. Gara li ftit granet wara li giet presentata ic-citazzjoni, il-konvenut ikkuntattja lill-atturi u qallhom biex imorru l-ufficini tal-kumpanija konvenuta beix jigbru l-hlas. Funzjonarju tal-kumpanija ta' c-cekk in kwistjoni lill-attrici u talabha tiffirmalu ricevuta. Din a bazi ta' parir legali li hadet qabel marret ghac-cekk, iffirmat wara li hassret il-kliem *in full and final settlement* u minflok nizzlet il-kliem *without prejudice*.

Ma' ngabet ebda prova illi dan il-funzjonarju kellu b' xi mod l-awtorita' li jbidel it-termini tal-hlas u ftit hemm dubbju li dan ma' kellu ebda' awtorita' simili. Ghalhekk wiehed jista' jghid li l-atturi biddlu unilateralment il-kondizzjoni li bih sar il-pagament. Certament li meta hallas, il-konvenut kellu f' mohhu li jaqta' l-vertenza li kellu mal-attur. Ma' setghux l-atturi, minghajr il-kunsens tal-konvenut ibiddlu din il-kondizzjoni.

Fl-istess waqt pero', il-konvenut ma' gab ebda raguni valida ghaliex qaghad jistenna (f' certu sens, ghaliex

probabbli kien ghadu ma’ jafx li nfethet il-kawza) li tinfetah il-kawza biex thallas u mhux gust li l-atturi jigu akkollati l-ispejjez tal-kawza meta kien il-konvenut li kkawza l-azzjoni bid-dewmien tieghu

biex ihallas s-sorte. Dan anke indempendentement minn dak li kellu f' mohhu meta hallas id-dejn ghaliex il-Qorti hija tal-fehma li fil-waqt li kellu f' mohhu li jaqta' d-dejn, il-probabilita' hija li ma' kienx ghadu jaf bil-kawza u ma' setax ghalhekk ikollu f' mohhu li jaqta' ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Fil-fatt din giet istitwita fis-26 ta' Frar, 2001 u l-konvenut gie notifikat ferm wara l-hlas imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, filwaqt li tastjeni fuq it-talba dwar il-mertu stante c-cessjoni f' dan is-sens, tichad it-talba ta' l-attur dwar l-imghaxijiet izda tikkundanna l-konvenut ihallas interament l-ispejjez tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------